C/2026/188

5.1.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12265 — PSPIB / 4F / VSA / CITROSUCO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/188)

1. Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Public Sector Pension Investment Board ("PSPIB", il-Kanada),

— 4f Capital N.V. ("4F", il-Brażil), il-kumpanija azzjonarja li tikkontrolla lill-Fischer Group,

— Votorantim S.A. ("VSA", il-Brażil), u

— Citrosuco S.A. Agroindústria ("Citrosuco", il-Brażil), li bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn Votorantim Group u minn Fischer Group.

PSPIB, 4F u VSA se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Citrosuco.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— PSPIB hija investitur tal-pensjonijiet tal-pjanijiet tal-pensjoni tas-Servizz Pubbliku Federali Kanadiż, tal-Forzi Kanadiżi, tal-Pulizija tal-Kavallerija Rjali Kanadiża u tal-Forza ta' Riżerva. Hija timmaniġġja portafoll globali diversifikat li jinkludi ishma, bonds u titoli oħra bi dħul fiss, kif ukoll investimenti f'ekwità privata, proprjetà immobbli, infrastruttura, riżorsi naturali u investimenti ta' kreditu. Il-PSPIB mhija kkontrollata minn l-ebda entità.

— 4f hija l-kumpanija azzjonarja li tikkontrolla lill-Fischer Group. Fischer Group għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu fil-Brażil u huwa involut fil-produzzjoni ta' frott bħat-tuffieħ u l-kiwi, il-meraq, ir-riforestazzjoni, l-injam, il-fażola tas-sojja u l-qamħirrum. 4f hija kkontrollata minn individwi tal-familja Fischer.

— VSA hija l-kumpanija azzjonarja ta' Votorantim Group, bil-kwartieri ġenerali tagħha fil-Brażil u preżenti f'19-il pajjiż, b'portafoll li jinkludi kumpaniji li joperaw f'diversi segmenti tas-suq. VSA hija kkontrollata minn kumpanija azzjonarja tal-familja (Hejoassu).

— Citrosuco hija produttur u distributur globali ta' prodotti tal-ikel naturali, sostenibbli u bbażat fuq il-larinġ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

Każ M.12265 — PSPIB / 4F / VSA / CITROSUCO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË